## 7 ta' Mejju, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Clotilde Incardona *versus* Angelo Incardona

**Separazzjoni tal-Beni — Dota — Dotarju — Mara — Sejħa fil-Kawża — Nutar — Kuratur — Sentenza — Nullità — Art. 1383 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 303 tal-Proċedura Ċivili**

*Kwantu għall-beni dotali, is-separazzjoni tal-beni hija ammessa, u r-restituzzjoni tagħhom hija awtorizzata, meta l-proprjetà tagħhom ma tkunx għaddiet fir-raġel, u purkè jkunu għadhom jeżistu. Kwantu għall-ġid mhux dotali, l-assenjazzjoni mhix ammessa meta si tratta ta' utensili tan-negozju u merkanzija tar-raġel; għaliex l-assenjazzjoni tagħhom "ut sic" lill-mara ma tar-rekalhiex vantaġġ, u dawn ma jistgħux jiġu minnha utilizzati ħlief billi terġa tbigħhom.*

*Hija wkoll regola fil-materja li mhumiex "in principio" assenjabbli oġġetti ġa elevati mill-kredituri tar-raġel; għax il-mara, bħal l-kredituri l-oħra, ma tistax għal ebda raġuni tagħmel oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat, iżda tista' biss teżerċita d-drittijiet tagħha fuq il-prezz li jġibu dawk l-oġġetti.*

*Anki kieku dina l-assenjazzjoni kienet permessa, hemm bżonn tintalab almenu fil-konfront tal-kredituri eżekutanti; u jekk dawn*

*ma jkunux ġew imħarrkin, ma jistgħux jiġu msejħin fil-kawża, peress li mill-bidu kien jidher li huma kellhom interess li jiġu mħarrkin.*

*Il-mara li teżerċita l-azzjoni għas-separazzjoni tal-beni għandha tispeċifika liema sustanzi trid li jiġu lilha assenjati.*

*Għalkemm fiċ-ċitazzjoni ma tkunx saret it-talba għan-nomina ta' nutar biex jippublika l-att tas-separazzjoni tal-beni u ta' kuratur biex jidher għall-kontumaċi fuq dak l-att, il-Qorti għandha l-poter tissupplixxi u tagħti kull provvediment biex is-sentenza ma tkunx nulla, u jkollha l-forza eżekuttiva meħtieġa li hija element sostanzjali tagħha.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni, peress illi bi skrittura antenuzjali publikata fl-atti tan-Nutar Carlo Micallef De Caro tat-28 ta' Diċembru 1927 l-attriċi kienet ġiebet fiż-żwieġ tagħha mal-konvenut dota tal-valur komplessiv ta' £140, u li żewġa kien assenjalha b'titolu ta' dotarju s-somma ta' £150; u peress illi l-kondizzjonijiet ta' l-affarijiet ta' żewġha huma talment ħżiena li hemm raġuni biex wieħed jibża' li ma jkunx hemm biżżejjed biex jagħmel tajjeb għad-drittijiet ta' l-attriċi; talbet li tiġi ordnata minn dina l-Onorabbli Qorti l-firda mill-beni tal-konvenut ta' tant ħwejjeġ kemm ikun hemm bżonn biex ikunu jistgħu jagħmlu tajjeb għall-imsemmija drittijiet ta' l-attriċi għad-dota u għad-dotarju. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi minn dana jidher li hemm dissest fl-istat finanzjarju tal-konvenut, li jilleġittima l-biża tal-attriċi u li jiġġustifika l-azzjoni odjerna;

Illi l-attriċi qegħedha titlob is-separazzjoni mill-beni tal-konvenut ta' tant ħwejjeġ kemm ikun hemm bżonn biex jagħmlu tajjeb għad-drittijiet tagħha għad-dota u għad-dotarju;

Illi, qabel xejn, jeħtieġ jiġu fissati ċerti prinċipji fondamentali li jirregolaw dina l-materja. Kwantu għall-beni dotali, is-separazzjoni hija ammessa u r-restituzzjoni tagħ-

għom awtorizzata, meta, bħal fil-każ tagħna, il-proprjetà tagħhom ma tkunx għaddiet fir-raġel, u dan għaliex il-mara tkun baqgħet proprjetarja tagħhom, u tkun tista' għalhekk, *mħabba d-dissest ta' żewġha,* teżiġi u tottjeni r-restituzzjoni; purkè, naturalment, dawn il-beni jkunu għadhom jeżistu. Kwantu għall-ġid mhux dotali, l-assenjazzjoni mhix ammessa meta si tratta ta' utensili tan-negozju u merkanzija ta' żewġha (Kollez. XXI-II-243), għaliex l-assenjazzjoni tagħhom "ut sic" lill-mara ma tarrekalhiex *vantaġġ, u dawn ma jkunux jistgħu jiġu* minnha utilizzati ħlief billi terġa tbiegħhom. Hija wkoll regola li mhumiex, "in principio", assenjabbli oġġetti ġa elevati mill-kredituri tar-raġel; għaliex, skond l-art. 303 Proċ. Ċiv., il-mara, bħall-kredituri l-oħra, ma tistax, għal ebda raġuni, tagħmel oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-mandat, iżda tista' biss teżerċita *d-drittijiet tagħha fuq* il-prezz li jġibu dawk l-oġġetti (Kollez. XIV, 58). Anki kieku dina l-assenjazzjoni kienet permessa, dina hemm bżonn tintalab almenu fil-konfront tal-kredituri eżekutanti; għaliex dawn jistgħu jkollhom drittijiet pożjuri minn dawk tal-mara, b'mod li jimpedixxu li ssir l-assenjazzjoni tal-oġġetti elevati (Kollez. XXI-I-380);

*Illi fil-każ tagħna, għalhekk,* l-oġġetti li ġew maqbuda fil-ħanut tal-konvenut mhumiex, kif ġa ngħad, assenjabbli lill-attriċi; lanqas dawk elevati mir-residenza tiegħu, għaliex f'dina l-kawża l-attriċi ma ħasbetx biex tħarrek dawk il-kredituri, kif solitu jsir; u għalhekk mhux il-każ li dawn jiġu msejħin fil-kawża, peress li mill-bidu kien jidher li huma kellhom interess li jiġu mħarrkin;

Illi, fi kwalunkwe każ, l-attriċi lanqas ma speċifikat liema sustanzi trid li jiġu lilha assenjati, kif kien imissha tagħmel skond il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna (Kollez. XXII-II-152 u s-sentenzi l-oħra hemm ċitati);

Illi, għad li l-attriċi ma talbetx in-nomina ta' nutar biex jippublika l-att tas-separazzjoni u ta' kuratur biex jidher għall-kontumaċi f'dak l-att, il-Qorti għandha l-poter li tissupplixxi u tagħti kull provvediment biex is-sentenza ma tkunx nulla (art. 1383 Kod. Ċiv.), u jkollha dik il-forza eżekuttiva li hija element sostanzjali tagħha. Del resto, dan huwa s-sistema ġenerali tal-liġi tagħna (art. 220, 550

u 484, Proċ. Ċiv.); u f'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza (Kollez. III, 528, u P.A. 30. 6. 1954 in re "Lotter utrinque");

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' t-talba tal-attriċi, fis-sens li tordna s-separazzjoni tal-beni li hija ġiebet fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha mal-konvenut; purkè mhux distratti u lanqas konsumati bl-użu; liema beni dotali li fadal il-konvenut għandu jagħti lura lill-attriċi; u tordna li l-att opportun jiġi publikat......... bl-intervent......... bħala kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi; u tiċħad l-imsemmija talba għall-kumplament. L-ispejjeż kollha, kompriżi dawk relattivi għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, jitħallsu mill-konvenut.